MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 425/2015LM

**Jennifer Attard (ID numru 645760M)**

***vs.***

**Kenneth David Allen (ID numru 27111A)**

**u**

**Citadel Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-8 ta' Mejju, 2015 mill-attriċi **Jennifer Attard** (ID 645760M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u ħdax (2011), għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (8.30am), ir-rikorrenti Jennifer Attard kienet*

*involuta f'inċident stradali ġewwa Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala u dan anke kif muri minn kopja tar-rapport tal-Pulizija hawn anness, esebit u mmarkat bħala 'Dok. A';*

2. *Illi fl-imsemmi inċident, ir-rikorrenti waqt li kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha tal-għamla Toyota Tercel bin-numru ta' reġistrazzjoni HAC 587 sfat midruba peress illi l-intimat Kenneth David Allen li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Suzuki Alto bin-numru tar-reġistrazzjoni HBB 227, baqa' dieħel ġo fiha, liema inċident seħħ fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala;*

3. *Illi l-vettura ta' Kenneth David Allen kienet assikurata ma' Citadel Insurance Plc;*

4. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti korriet gravement peress li ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi, senjatament fuq sidirha u idejha u qiegħda tbati minn diżabilità permanenti;*

5. *Illi fil-fatt, il-kirurgu Mr. Raymond Gatt, iċċertifikaha li qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti liema kopja taċ-ċertifikat qiegħda tiġi hawn esebita, annessa u mmarkata bħala 'Dok. B';*

6. *Illi għalhekk ir-rikorrenti ġarrbet lucrum cessans, kaġun tal-fatt li, bħala effett dirett tal-inċident, sofriet debilità permanenti, riskontrata u aċċertata;*

7. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti inkorriet ukoll danni emerġenti (damnum emergens) li jinkludu spejjeż, fosthom, iżda mhux limitatament għal diversi konsulti ma' tobba, professuri u esperti mediċi, kif ukoll spejjeż ta' mediċinali, u telf ieħor kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

8. *Illi minħabba l-ġrieħi li ġarrbet f'sidirha r-rikorrenti għadha tbati minn effetti tal-inċident;*

9. *Illi dan l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Kenneth David Allen u dan minħabba s-sewqan negliġenti, traskurat, bla kont, perikoluż, u b'non-osservanza tar-regoli tat-traffiku, da parti tiegħu;*

10. *Illi għalhekk għall-istess inċident u għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali, huma unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom;*

11. *Illi l-intimat Kenneth David Allen għalkemm debitament interpellat anke permezz ta' ittra uffiċjali datata tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), liema kopja qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C', sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni konsegwenza tal-imsemmi inċident versu r-rikorrenti, baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu intavolati dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *TIDDIKJARA illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011), għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' fil-għodu (08.30am), ir-rikorrenti Jennifer Attard sfat midruba f'inċident tas-sewqan waqt li kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha tal-għamla Toyota Tercel bin-numru tar-reġistrazzjoni HAC 587 peress illi l-intimat Keith David Allen li kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Suzuki Alto bin-numru tar-reġistrazzjoni HBB 227 baqa' dieħel ġo fiha, liema inċident seħħ fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala u TIDDIKJARA illi dan l-inċident seħħ unikament konsegwenza tal-aġir tal-intimat Kenneth David Allen;*

2. *TIDDIKJARA illi konsegwenza ta' dan l-inċident u tal-aġir tal-intimat Kenneth David Allen, ir-rikorrenti sofriet danni, inkorriet diversi spejjeż u anke qed tbati minn diżabilità permanenti;*

3. *TILLIKWIDA d-danni hekk sofferti mill-istess rikorrenti;*

4. *TORDNA lill-intimat Kenneth David Allen u Citadel Insurance Limited, sabiex iħallsu solidament bejniethom lir-RIKORRENTI dik is-somma hekk likwidata, occorrendo anke bin-nomina ta' Periti;*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali, u bl-imgħaxijiet.*

*L-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti Kenneth David Allen u Citadel Insurance plc (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa mill-avukat Philippa Taylor East (ID numru 415679M), għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Citadel Insurance plc, debitament awtorizzata, li biha eċċepew:

1. *Illi l-eċċipjenti diġà rrikonoxxew ir-responsabbilità tal-inċident de quo, u dan kif l-attriċi taf ben tajjeb, stante li l-ispejjeż tal-vettura tagħha diġà tħallsu – dan għandu jittieħed in kunsiderazzjoni fl-ispartizzjoni tal-ispejjeż;*

2. *Illi ċio nonostante, l-attriċi għandha ġġib prova tad-danni minnha allegati sal-grad rikjest fil-Liġi – l-eċċipjenti jsostni li l-attriċi ma sofriet ebda danni għajr fil-vettura tagħha li diġà tħallsu;*

*3. Illi għaldaqstant, ma hemm ebda danni oħra x'jiġu likwidati favur l-attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni tal-Avukat Philippa Taylor East (ID numru 415679M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Citadel Insurance plc, debitament awtorizzata:*

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:*

1. *Illi Citadel Insurance plc diġà rrikonoxxiet ir-responsabbilità da parti tal-assigurat tagħha Kenneth David Allen u ħallset fil-pront l-ispejjeż tal-vettura tal-attriċi;*

2. *Illi madanakollu, jekk l-attriċi qiegħda tallega li sofriet xi danni oħra, dawn trid iġġib il-prova tagħhom skont il-Liġi. Aħna f'dan l-istadju ma jidhrilniex li hemm xi danni oħra x'jitħallsu;*

3. *Illi dan nafu personalment wara li għamilt referenza għall-file relattiv.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Ġunju, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut Kenneth David Allen, waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Suzuki Alto bin-numru ta' reġistrazzjoni HAC 587, kien responsabbli għall-inċident li seħħ fit-22 ta' Awwissu, 2011 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala, li fih kienet involuta l-attriċi li kienet qiegħda ssuq vettura tal-għamla Toyota Tercel bin-numru ta' reġistrazzjoni HBB 227, konsegwenza ta' liema inċident l-attriċi baqgħet tbati minn debilità permanenti, kif ukoll sabiex il-Qorti tillikwida d-danni konsegwenzjali u tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tal-istess.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom filwaqt li wieġbu li huma diġà assumew ir-responsabbilità għall-inċident, u li s-soċjetà assikuratriċi Citadel Insurance plc diġà għamlet tajjeb għall-ispejjeż tal-ħsarat fil-vettura misjuqa mill-attriċi, qegħdin jikkontestaw li għad fadal danni oħra x'jiġu likwidati u x'jitħallsu fir-rigward tal-ħsara li l-attriċi sofriet fuq il-persuna tagħha.

## Provi u riżultanzi

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attriċi esebiet ir-rapport tal-Pulizija b'rabta ma' dan l-inċident[1], minn fejn jirriżulta li dan l-inċident kien jikkonsisti f'ħabta frontali bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u l-vettura misjuqa mill-attriċi. L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' ċertifikat mediku rilaxxjat minn **Mr Raymond Gatt**, *consultant orthopaedic surgeon,* li eżamina lill-attriċi u

[1] *A fol.* 7 *et seq.* tal-proċess.

kkonstata li din sofriet debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) konsegwenza tal-inċident inkwistjoni[2], kif ukoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut, permezz ta' liema dan ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi.[3]

L-attriċi għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit,* fejn ikkonfermat li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-22 ta' Awwissu, 2011 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, waqt li kienet ġejja mid-direzzjoni ta' Marsaskala, tiela' lejn iż-Żejtun, propju fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, Marsaskala. L-attriċi qalet li fil-ħin tal-inċident hi kienet wieqfa wara xi vetturi oħra, u li waqt li kienet għadha b'idejha fuq il-*gear lever* sabiex tibda ssuq, daħlet fiha l-vettura misjuqa mill-konvenut Kenneth David Allen, li kienet ġejja min-naħa l-oħra tat-triq, u li x'aktarx li tilef il-kontroll hekk kif kien qiegħed idur il-liwja. L-attriċi qalet li wara l-impatt hi baqgħet fil-vettura tagħha minħabba li kellha xokk kbir fuqha, u li dak il-ħin hi bdiet tħoss uġigħ qawwi tant li bilkemm felħet tiċċaqlaq. Hi kompliet tgħid li l-Pulizija lilha kellmuha fuq il-post tal-inċident, u ftit wara waslet l-ambulanza li ħaditha l-Isptar, fejn inżammet għal xi testijiet u għall-osservazzjoni. Ġie stabbilit li l-attriċi kellha wkoll ksur f'wieħed mis-swaba' ta' jdejha u f'sidirha, tant illi qalet li kellha tqatta' tliet ġimgħat b'idha fil-ġibs. L-attriċi qalet li mil-lat mediku ma seta' jsir xejn għall-ksur li hi kellha f'sidirha u għalhekk kellu jgħaddi ż-żmien sabiex dan jitfejjaq waħdu. L-attriċi, li fl-*affidavit* tagħha qalet li hi mara tad-dar, qalet ukoll li wara l-inċident kien hemm żmien li fih ma setgħetx tiċċaqlaq, u kienet tkun muġugħa biex torqod u biex tagħmel affarijiet bażiċi bħat-tisjir u l-ħasil tal-ħwejjeġ. L-attriċi xehdet li wara l-inċident hi kellha tiffaċċja diversi diffikultajiet b'konsegwenza diretta

[2] *A fol*. 13 tal-proċess.
[3] *A fol*. 14 tal-proċess.

tal-ġrieħi li sofriet, u li meta invistaha l-*orthopaedic surgeon* Mr Ray Gatt, dan kien ikkonstata li l-attriċi kellha debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) minħabba fil-ġrieħi ta' jdejha. L-attriċi qalet li għalkemm il-ksur li kellha f'sidirha għaqad waħdu, hi baqgħet tħoss ħafna uġigħ, x'aktarx minħabba li meta għaqad l-għadam ġibed miegħu xi nerf li għalhekk jikkawżalha uġigħ. L-attriċi qalet ukoll li għad hemm proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut minħabba l-mod kif seħħ dan l-inċident.

Fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 xehdet **Jennifer Gatt**[4], *chief operations officer* tas-soċjetà konvenuta, li kkonfermat li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-konvenut Kenneth David Allen kien assikurat mas-soċjetà konvenuta Citadel Insurance plc.

Fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 xehed **PS 1181 Eugenio Caruana**[5], li kkonferma li hu kien imsejjaħ fuq is-sit tal-inċident ftit wara li seħħ, fejn kien sab lill-attriċi bil-vettura tagħha mkissra kompletament, u lill-konvenut li wkoll kien għadu fuq il-post. Ix-xhud ikkonferma li persuni li raw l-inċident iseħħ kienu qalu lill-Pulizija li l-konvenut deher qiegħed jitlef il-kontroll tal-vettura tiegħu bir-riżultat li baqa' dieħel fil-vettura misjuqa mill-attriċi. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-konvenut kien għarraf lill-Pulizija li kien skiddja fuq xi ilma li kien hemm fit-triq. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport dettaljat li sar mill-Pulizija,kif ukoll kopja tal-iskizz ta' kif seħħ l-inċident.[6]

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2016 xehed **Mr Ray Gatt**[7], *specialist orthopaedic surgeon* li eżamina lill-attriċi, li ppreżenta kopja ta' ċertifikat fejn kien

[4] *A fol.* 46 tal-proċess.
[5] *A fol.* 48 tal-proċess.
[6] *A fol.* 51 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 86 tal-proċess.

ikkonstata li l-attriċi sofriet diżabilità permanenti konsegwenza tal-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-attriċi kienet weġġgħet l-id tax-xellug u li minkejja li ġiet operata fl-2012 kienet għadha qiegħda turi sintomi ta' wġigħ konsegwenza tal-inċident li kellha. Ix-xhud qal ukoll li wara li reġa' eżamina lill-attriċi, ikkonkluda li din ma setax ikollha titjib fil-kundizzjoni tagħha, u kien għalhekk li stabbilixxa li din ser tibqa' ssofri debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%).

Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2017 xehed **Dr Marius Caruana**[8], li kien eżamina lill-attriċi meta ddaħħlet fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar wara l-inċident li kellha. Ix-xhud qal li meta hu eżamina lill-attriċi sab li kellha ksur fl-i*sternum,* l-għadma tan-nofs tas-sider u ksur ieħor fis-saba' ż-żgħir tax-xellug. Konsegwenza tal-ksur fis-sider, l-attriċi nżammet l-Isptar taħt osservazzjoni minħabba l-periklu li dan il-ksur jaffettwa l-qalb, għalkemm ix-xhud ikkonferma li hi ġiet rilaxxjata ftit tal-jiem wara minħabba li ma nqalgħux kumplikazzjonijiet.

Fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2017 xehed **Mr Walter Busuttil**[9], *cardio thoracic surgeon consultant,* li qal li dakinhar li seħħ l-inċident fit-22 ta' Awwissu, 2011, l-attriċi kienet iddaħħlet l-Isptar taħt il-kura tiegħu minħabba fil-ksur tal-*isternum.* Ix-xhud spjega li l-għadma tas-sider tħalliet tfiq waħedha, għalkemm qal ukoll li normalment meta l-għadma tfiq, ikun hemm *overlapping* bir-riżultat li tkun tidher nefħa fuq il-ġilda. Hu qal ukoll li minn *X-rays* sussegwenti li saru lill-attriċi, ġie stabbilit li l-għadma tagħha kienet fieqet b'mod normali. Hu qal ukoll li l-attriċi kienet reġgħet marret għandu fl-2013 minħabba li

[8] *A fol.* 111 tal-proċess.
[9] *A fol.* 132 tal-proċess.

kienet għadha qiegħda tilmenta minn uġigħ, tant li hu ħass il-ħtieġa li jerġa' jdaħħalha l-Isptar. Ix-xhud kompla jgħid hekk:

> "L-*isternum* kien fieq. Però mhux bilfors għax ikun fieq ma jkollokx uġigħ. Iġifieri l-uġigħ u l-*X-ray* ma jmorrux bilfors ħaġa id f'id, għax int jista' jkun li jkollok nerf *which is caught up in the scar tissue* u m'hemmx mod li tkun taf jekk hemmx nerf *caught up in the scar tissue* jew le, hija kompletament suġġettiva mill-pazjent. It-tabib ma jkollu l-ebda, m'hemm l-ebda *scientific evidence* jew povi li hemm nerf maqbud fil-ferita."

Ix-xhud kompla jgħid li minkejja li hu kkonstata li l-ksur li kellha l-attriċi kien fieq, hu ma setax jgħid jekk din baqgħetx issofri mill-uġigħ jew le. Hu qal li anki jekk jiġi stabbilit li hemm nerf maqbud fil-ferita li qiegħed jikkawża l-uġigħ, m'hemm xejn li jista' jsir mil-lat mediku sabiex dak l-uġigħ jittaffa. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' riżultati ta' testijiet mediċi li saru fuq l-attriċi.[10]

Fl-udjenza tat-23 t'April, 2018 xehdet mill-ġdid **Jennifer Gatt**[11] in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, li kkonfermat li l-vettura li kienet qiegħda ssuq l-attriċi dakinhar tal-inċident, ġiet ikklassifikata bħala *total loss* u s-soċjetà li kienet assikurata magħha l-attriċi ħallsitha tal-vettura, filwaqt li mbagħad is-soċjetà Citadel Insurance ħallset lis-soċjetà li kienet assikurata magħha l-attriċi. Ix-xhud qalet li l-attriċi ma kinitx bagħtet ittra uffiċjali *ai termini* tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u li l-ittri interpellatorji tal-attriċi dejjem intbagħtu lill-assikurat Kenneth David Allen. Qalet ukoll li *in vista* tal-fatt li l-attriċi kienet infurmat lill-konvenut l-ieħor li hi kienet qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 2%, is-soċjetà assikuratriċi kienet offritilha l-ħlas tas-somma ta' €2,500 bħala kumpens għal din id-debilità, liema offerta ma ġietx aċċettata mill-attriċi. Ix-xhud qalet li din l-offerta lill-attriċi saritilha

[10] *A fol.* 139 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 172 tal-proċess.

darbtejn, iżda r-reazzjoni tagħha dejjem kienet li trid tistenna sabiex tara x'ser jiġri.

L-attriċi permezz ta' nota esebiet prospett bid-danni li qiegħda tippretendi l-ħlas tagħhom, fosthom konsulta ma' Mr Walter Busuttil (€45)[12], konsulti ma' Mr Ray Gatt (€85[13], €45[14], €79[15], €54[16] u €104[17]), konsulta ma' Mr Mark Portelli (€140[18]) u mediċini li jammontaw għal €133.62.[19]

Il-konvenut, permezz ta' nota tal-25 ta' Ġunju, 2018 esebixxa kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-konvenut inħeles mill-akkużi kriminali miġjuba kontrih ta' sewqan negliġenti.

## Konsiderazzjonijiet legali

L-attriċi qed titlob lill-Qorti tippronunzja ruħha dwar ir-responsabbilità o meno tal-konvenut fir-rigward tad-danni sofferti mill-attriċi, kif ukoll sabiex il-Qorti tgħaddi biex tillikwida d-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* sofferti mill-attriċi fir-rigward ta' danni materjali u telf ta' qligħ futur li l-attriċi tista' ssofri kawża tad-debilità permanenti sofferta minnha.

Jibda biex jingħad li l-konvenut *tramite* s-soċjetà konvenuta li magħha kien assigurat, diġà assuma responsabbilità għad-danni sofferti mill-attriċi fil-

[12] *A fol.* 180 tal-proċess.
[13] Irċevuta *a fol.* 179 tal-proċess.
[14] *A fol.* 179 tal-proċess.
[15] *A fol.* 182 tal-proċess.
[16] *A fol.* 183 tal-proċess.
[17] *A fol.* 184 tal-proċess.
[18] *A fol.* 181 għall-ammont ta' €70. Kopja ta' irċevuta oħra rilaxxata minn Mr Mark Portelli ma ġietx esebita in atti.
[19] *A fol.* 186 sa 191 tal-proċess.

vettura tagħha konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, tant li fl-2013 din kienet tħallset il-prezz tal-vettura skont il-valur li kienet assikurata għalih. Jidher għalhekk li m'hemmx aktar lok fejn il-Qorti telabora dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, għaliex il-konvenut diġà assuma responsabbilità ċivili għall-istess.

*Damnum emergens:*

Jifdal għalhekk li ssir il-komputazzjoni tad-danni sofferti mill-attriċi, li mill-*affidavit* tagħha jirriżulta li hi mara tad-dar. L-attriċi ressqet għadd ta' irċevuti bħala prova tal-ispejjeż inkorsi minnha b'rabta ma' visti għand it-tobba u mediċini li hi ħtiġilha tixtri b'riżultat dirett ta' dan l-inċident. Il-Qorti diġà għamlet dan il-kalkolu abbażi tal-provi mressqa mill-attriċi, fejn ġie stabbilit li d-danni attwali sofferti minnha jammontaw għal **€615.62** kif jirriżulta mill-irċevuti esebiti.

*Lucrum cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

F'din il-kawża ma saret l-ebda talba għall-ħatra ta' espert mediku mill-Qorti sabiex jirrelata dwar id-debilità permanenti sofferta mill-attriċi, u l-unika prova li ngabet fir-rigward kienet ir-rapport *ex parte* ta' Mr Ray Gatt, konsulent ortopediku li kkonkluda li l-attriċi għadha qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) b'konsegwenza tal-inċident imsemmi. Il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lil Mr Gatt jixhed in kontroeżami,

u ma jidhrilhiex li għandna għalfejn tiddipartixxi mir-rata ta' debilità stabbilita minn Mr Gatt li eżamina lill-attriċi għadd ta' drabi fuq medda ta' snin.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' wieħed u ħamsin (51) sena, li hi l-età li kellha l-attriċi fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' 13. Fis-sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[20], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 13 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attriċi, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tal-attriċi hi mistennija li taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

---
[20] P.A., 10.05.2005.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kienet tipperċepixxi l-attriċi bħala paga bażika għas-sena 2011, is-sena li fiha seħħ l-inċident, il-paga minima nazzjonali għal dik is-sena. Kif spjegat din il-Qorti f'sentenza mogħtija fl-4 ta' Lulju, 2018 fl-ismijiet **Gracie Cascun *vs.* Kristi Marie Agius et**,

> "... m'hemm l-ebda dubju li minkejja li l-attriċi hija mara tad-dar, hija xorta waħda għandha tiġi kkumpensata għal telf ta' qligħ li setgħet sofriet minħabba f'dan l-inċident."

F'sentenza fl-ismijiet **Mary Farrugia *vs.* Agnes Borg**[21], il-Qorti qalet hekk:

> "Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi l-attriċi għalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tipperċepixxix paga mingħand datur tax-xogħol uffiċjali, hija xorta waħda hija intitolata għal kumpens ta' telf ta' qligħ. Dan huwa prinċipju bejn stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna kurrenti u ċioe għalkemm mara miżżewġa ma kellhiex impjieg fiż-żmien tal-korriment, xorta jistħoqqilha tingħata kumpens adegwat għall-ġrieħi sofferti minnha fl-inċident dannuż siccome llum huwa ġustament meqjus illi x-xogħol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'ħidma ekonomika, għalkemm illum huwa paragonat ma' impjieg bi qligħ effettiv."

Jirriżulta li fis-sena 2011, is-sena li fiha seħħ l-inċident inkwistjoni, il-paga minima nazzjonali kienet ta' €153.45 fil-ġimgħa, sabiex b'hekk id-dħul tal-attriċi f'dik is-sena qed jiġi stmat għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel il-Qorti fis-somma ta' €7,979.40. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[22] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel huwa ta' €7,979.40 + €8,975.23 / 2 = €8,477.31.

[21] P.A., 24.10.2016.

[22] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stqarret illi, "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens ikun qiegħed isir f'pagament ta' darba *(lump sum payment)*. F'kawżi li jdumu biex jinqatgħu, mill-imsemmija 20% il-Qorti normalment tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2015, u ser tinqata' ftit aktar minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza, filwaqt li ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Bħala perċentwal ta' diżabilità il-Qorti sejra tadotta l-grad ta' debilità permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) kif ikkonstatat mill-espert mediku *ex parte* Mr Ray Gatt li xehed f'dawn il-proċeduri. Is-salarju medju ta' €8,477.31 x *multiplier* ta' 13, x 2% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għaċ-ċifra ta' €2,204.10, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€1,763.28.** Dan huwa l-*lucrum cessans* li se jiġi likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €615.62 rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attur, jiġi stabbilit li s-somma li għandha titħallas mill-konvenut lill-attriċi *in linea* ta' danni tammonta għal **<u>€2,378.90.</u>**

Il-Qorti qieset dak li ntqal mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, li huma m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu spejjeż b'rabta mal-ewwel talba tal-attriċi, in vista tal-fatt li l-konvenut kien ilu li ammetta ir-responsabbilità għal dan l-inċident madwar sentejn qabel infetħu l-proċeduri odjerni. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll kwantu għall-kap tal-ispejjeż li għandha tingħata konsiderazzjoni għal dak li xehdet Jennifer Gatt in

rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta, li hija kienet avviċinat lill-attriċi u għamlitilha offerta ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) bħala kumpens, għal liema offerta l-attriċi baqgħet qatt ma tat risposta, u minflok ippreferiet li tiftaħ il-proċeduri odjerni. Il-Qorti qieset li minkejja li ma nġabet ebda prova li din l-offerta tabilħaqq saret, l-atturi min-naħa tagħhom naqsu li jagħmlu kontroeżami lil Jennifer Gatt u bl-ebda mod ma kkontradixxew li din l-offerta saret tassew, u għaldaqstant dawn il-fatturi se jitqiesu meta l-Qorti se tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**

2. **Tilqa' t-talbiet tal-attriċi, u tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża fis-somma ta' elfejn, mitejn u erba' Euro u għaxar ċenteżmi (€2,204.10);**

3. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti iħallsu solidament bejniethom lill-attriċi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv**

**Spejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal nofshom mill-attriċi u nofshom mill-konvenuti.**

Moqrija.